MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 510/1971/2

**Emanuele Barbara u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 1974 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Felice Barbara, Joseph Carbonaro bhala kuratur tal-interdett Carmelo Barbara, Lina mart John Zammit u Carmen mart Paolo Galea bhala kuraturi de jure tal-imsemmija eredita` peress li Emanuele Barbara miet fil-mori tal-kawza u l-Perit Arkitett Joseph Barbara; u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2004 il-kawza ghaddiet f'isem Hector Barbara, Angela Grima, Carmela Cassar, Giacomina Mifsud, Joseph Barbara, Paul Barbara, Anthony Barbara u Therese Vella bhala eredi prezuntivi ta' Felice Barbara; f'isem Angiolina Carbonaro bhala eredi prezuntiva ta' Carmelo Barbara, u f'isem Angiolina**

**Zammit u Carmela Galea bhala eredi prezuntivi ta' Antonio Barbara; u b'zewg digrieti tal-14 ta' Lulju 2006 James Barbara assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Barbara li miet fil-mori tal-proceduri, u John Barbara, Bridget Grixti, Charmaine Barbara, Rita Barbara (din f'isem il-minuri Leanne u Matthew Barbara) u Felix Barbara assumew l-atti minflok Hector Barbara li wkoll miet fil-mori tal-proceduri.**

**v.**

**Salvino Bugeja bhala Segretarju tal-War Damage Commission.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Din hija kawza ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra imwaqqfa bis-sahha ta' l-Ordinanza Numru III ta' l-1943, fejn l-atturi qeghdin jallegaw illi l-likwidazzjoni tal-"proper cost" li ghamlet il-Kummissjoni bhala kumpens tal-hsarat li jiffurmaw il-meritu tal-*claim* ta' l-atturi hija in vjolazzjoni tad-disposizzonijiet ta' l-Ordinanza, u konsegwentement hija *ultra vires* u nulla.

Din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza numru 1196/80 fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et vs. Segretarju tal-War Damage Commission** deciza *in parte* mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2003 – u cioe` fl-istess gurnata li fiha giet deciza l-kawza odjerna – u dan stante li l-meritu taghha huwa prattikament identiku ghal dak involut f'din il-kawza.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 1994 f'dan il-process 510/71[1], gie verbalizzat illi *"Il-partijiet jaqblu li kwalunkwe prova li setghet ingabret fil-kawza 510/71* (recte 1196/80) *ghandhom jghoddu ghal din il-kawza. Jaqblu wkoll li n-nota li pprezenta Dr. P. Grech ghandha tghodd ukoll ghall-*

[1] A fol. 352 tal-process

*kawza l-ohra i.e. 510/71."* Fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 1994 fil-process 1196/80[2] gie verbalizzat illi *"Il-partijiet jaqblu li kwalunkwe prova li setghet ingabret fil-kawza 510/71 ghandhom jghoddu wkoll ghal din il-kawza. Jaqblu wkoll li n-nota li pprezenta Dr. P. Grech ghandha tghodd ukoll ghall-kawza l-ohra i.e. 510/71."*

**<u>Il-fatti</u>**

B'kuntratt ta' l-20 ta' Mejju 1952 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri, l-atturi kienu xtraw il-blokk ta' bini numri 1 sa 5 Timber Wharf, Marsa, kantuniera ma' 77 sa 83 Fishermen Street, minghand in-National Bank of Malta bil-prezz ta' sittax-il elf lira (£16,000).[3]

F'dan il-kuntratt gie stipulat *inter alia* illi *"It is moreover agreed between the parties that all compensation due by the War Damage Commission or by any other authority for damages caused by enemy action in the tenements transferred by this deed, shall go in favour of purchasers who, however, will pay one hundred pounds (£100) within two weeks from today towards the fees of Architects commissioned by the said Bank for preparing the schedule of works in respect of War Damage repairs in said tenements."*[4]

Meta circa l-1952, l-atturi ghamlu l-*claims* taghhom lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra fuq il-fondi in kwistjoni, kienet diga` saret *claim* ohra lill-istess Kummissjoni dwar l-istess fondi minghand l-imsemmi Bank. Fil-*claims* ta' l-atturi kien hemm imsemmija diversi hsarat tal-gwerra li l-Bank kien naqas li jsemmi fil-*claim* tieghu. Pero` l-Kummissjoni iddecidiet li la darba s-sid tal-fondi kien inbidel hija kellha tikkunsidra l-*claim* maghmula mis-sid il-gdid u cioe` il-*claims* ta' l-atturi.[5]

---

[2] A fol. 107 tal-process.
[3] Ara Dok NT1 a fol. 164 tal-process Citaz. 1196/80 u verbal fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 1995 a fol. 171 tal-process Citaz. 1196/80, u verbal fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 1995 a fol. 377 tal-process odjern Citaz. 510/71.
[4] Ara Dok NT1 a fol. 165 tal-process Citaz. 1196/80.
[5] Ara affidavit tal-Perit Luigi Sansone a fol 87 tal-process fl-ismijiet Perit Arkitett Joseph Barbara et v. Segretarju tal-War Damage Commission (Citaz. 1196/80).

Illi wahda minn dawn il-*claims* hija rigward il-parti mill-fondi imsemmija li giet kompletament distrutta, u cioe, 3-4-5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fishermen Street, Marsa, u f'din il-*claim* l-atturi kienu talbu s-somma ta' hamsa u erbghin elf, mitejn wiehed u hamsin lira u hmistax-il xelin (£45,251-15s-0d).

Il-Kummissjoni approvat ghax-xogholijiet mill-qatran 'l fuq is-somma ta' £19,936.11s.4d u in rigward tal-pedamenti s-somma ta' £5380.11s.3d. L-ewwel stima tal-Kummissjoni giet komunikata lill-atturi ftit zmien wara li huma avvanzaw il-*claim*, izda l-istima tal-pedament giet mibghuta lilhom fil-11 ta' Mejju 1966.[6]

Illi wara negozjati ulterjuri, il-Kummissjoni waslet ghall-figura finali komplessiva rigwardanti l-imsemmija *claim* ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija hamsa u tmenin lira (£28,485) fl-1966.[7]

Illi fl-ahhar xhur ta' l-1965, l-atturi irrikostruwew (mill-fondi kompletament distrutti) il-fondi 4-5 Timber Wharf u 77-78 Fishermen Street, Marsa u – skond huma – b'ekonomija l-iktar stretta fl-esekuzzjoni tax-xoghol u nonostante li kien ghad fadal hafna xoghol x'isir, nefqu ghal dan l-iskop is-somma ta' sebgha u tletin elf u mija u hamsin lira (£37,150).

Il-Kummissjoni irrilaxxat favur l-atturi is-somma ta' £28,485 fil-5 ta' Settembru 1968, pero` irrifjutat li tirrevedi l-istima.

Skond ma qalu l-atturi fic-citazzjoni taghhom, a bazi ta' din il-figura ta' £37,150 in-nefqa ghar-rikostruzzjoni kompleta tal-parti mill-fondi li kienet giet kompletament distrutta tigi tqum kwazi sittin elf lira (£60,000) u skond huma bl-awment ulterjuri tal-prezzijiet f'dawn l-ahhar snin, nefqa totali ta' hamsa u sittin elf lira (£65,000) hija aktar realistika.

---

[6] Ara dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process Citaz. 510/71.
[7] Ara dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process Citaz. 510/71.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet u l-*iter* tal-kawza sas-sentenza finali</u>**

Din il-Qorti sejra tirriproduci fl-intier taghha s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru 2003, stante li tikkontjeni riassunt tajjeb tat-talbiet, eccezzjonijiet u l-*iter* tal-kawza flimkien mal-konsiderazzjonijiet taghha, li wassluha sabiex tiddeciedi illi:

**1. tilqa' l-ewwel tlett talbiet ta' l-atturi u tiddikjara li fil-fissazzjoni tal-*proper cost* ghax-xogholijiet esegwiti mill-atturi, u li ghalihom ma hemmx prezzijiet tal-*Building Costs Board*, il-Kummissjoni imsemmija ma mxietx skond id-dettami tal-War Damage Ordinance 1943 u li l-ammont ta' LM28,485 li ghalih waslet il-Kummissjoni bhala kumpens tal-hsarat li jifformaw il-meritu tal-*claim* imsemmija ghall-parti kompletament distrutta tal-fondi fuq indikati hu manifestament ngust u per konsegwenza tiddeciedi li d-decizjoni tal-Kummissjoni hija *ultra vires* u ghalhekk nulla. Bl-ispejjez ta' dawn it-talbiet a kariku tal-konvenut.**
**2. Rigward l-ahhar talba tal-atturi, dik relattiva ghall-likwidazzjoni *ut sic*, jigi rilevat li l-konvenut kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu 1976 fuq citata.**

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

"Il-Qorti,

"Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi huma bhala propretarji tal-fondi 1 sa 5 Timber Wharf, kantuniera ma' 77 sa 83 Fisherman Street, Marsa, issottomettew lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra zewg 'claims' ghal kumpens skond il-ligi tal-hsara tal-istess fondi li sofrew b' azzjoni tal-Gwerra;

"Illi wahda minn dawn il-'claims' hija in rispett tal-parti mill-fondi imsemmija li giet kompletament distrutta, u cioe 3-4-

5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fisherman Street Marsa, ghal liema hsara l-atturi kienu talbu, fuq hmistax il-sena ilu, s-somma ta’ hamsa u erbghin elef, mitejn wiehed u hamsin u hmistax il-lira maltin [Lm45,251.15];

“Illi in segwitu l-prezzijet korrenti ta’ materjal u manodopera zdiedu konsiderevolment;

“Illi fl-1966 il-Kummissjoni waslet ghall-figura finali komplessiva rigwardanti l-imsemmi ‘claim’ ta’ tmienja u ghoxrin elf erba mija hamsa u tmenin lira [Lm28,485] biss;

“Illi bejn l-1965 u l-1968 l-atturi kkostruew [mill-fondi kompletament distrutti] il-fondi 4-5 Timber Wharf u 77-78 Fisherman Street, Marsa u b’ ekonomija l-iktar stretta fl-esekuzzjoni tax-xoghol u nonostante li ghad fadal hafna xoghol xi jsir, nefqu ghal dan l-iskop is-somma ta’ sebgha u tletin elef lira u mija u hamsin lira [Lm37,150];

“Illi l-konvenut irrilaxxja favur l-atturi s-somma ta’ Lm28,485 u rrifjuta li jirrendi l-stima;

“Illi a bazi ta’ din l-figura ta’ Lm37,150 in-nefqa ghar-rikostruzjoni kompleta tal-parti mill-fondi li kienet giet kompletament distrutta tigi tqum kwazi sittin elf lira [Lm60,000] u bl-awment ulterjuri tal-prezzijiet f’ dawn l-ahhar snin, nefqa totali ta’ hamsa u sittin elf lira [Lm65,000] hija aktar realistika;

“Illi skond il-War Damage Ordinance 1943 il-‘cost of works payment’ ghandu jkun ammont ekwivalenti ghall *‘proper cost’* tax-xogholijiet maghmula biex tissewwa l-hsara [art.19(1)(2)];

“Illi ghal hafna mix-xogholijiet esegwiti mill-atturi ma kienx hemm prezzijiet iffissati mill-‘Building Costs Board’ u ghalhekk f’ dan il-kaz il-‘proper cost’ huwa dak li hu xieraq [reasonable] billi jitqiesu l-prezzijiet ta’ l-irkaptu r-rati ghall hlas tax-xoghol li jkunu korrenti fis-suq meta x-xogholijiet ikunu gew attwalment esegwiti, u cirkostanzi ohra rilevanti;

"Illi l-istima li saret mill-Kummissjoni tal-'proper cost' hi manifestament ingusta u grossolanament zbaljata u ghal dawk il-partiti li ghalihom ma hemmx prezzijiet iffissati mill-'Buildidng Cost Board' m' hiex bazata fuq dak li jordna l-artikolu 19 tal-imsemmija Ordinanza u specifikatament l-inciz 3[ii] tal-istess Artikolu;

"Illi b'dan il-mod il-Kummissjoni agixxiet in vjolazzjoni tal-ligi u abuzat mill-poteri taghha b'mod li d-decizjoni taghha fil-fissazzjoni tal-massimu imsemmija hija ultra vieres u sottetta ghar-revizzjoni mill-poter gudizzjarju tal-pajjiz fil-gurisdizzjoni tieghu ordinarja;

**"Talbu** li l-konvenut ghar-raguni fuq imsemmija m'ghandhiex din il-Qorti:

"Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-fissazzjoni tal-'proper cost' ghax-xogholijiet esegwiti mill-atturi, u li ghalihom m'hemmx prezzijiet tal-'Building Costs Board', il-Kummissjoni imsemmija **ma mxietx skond id-dettami tal-ligi, cioe tal-War Damage Ordinance 1943;**

"Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont ta' Lm28,485 li ghalih waslet il-Kummissjoni bhala **kumpens** tal-hsarat li jifformaw il-meritu tal-'claim' imsemmija ghall-parti kompletament distrutta tal-fond fuq indikati hu **grossolanament zbaljat u manifestament ingust**;

"Tiddikjara u tiddeciedi illi per konsegwenza, id-decizjoni tal-Kummissjoni hija **'ultra vires' u ghalhekk nulla**; u

"Ghal dawn il-finijiet ghaliex din l-istess Qorti m'ghandhiex **tillikwida** ghall-bzonn permezz ta' periti nominadi, id-differenza bejn is-somma ta' Lm28,458 li ghaliha waslet il-Kummissjoni, u dik is-somma li l-Kummissjoni kienet tasal ghaliha kieku mxiet skond il-ligi u adempiet sewwa d-doveri taghha;

"B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni, inkluzi l-interessi, kontra il-konvenut nomine u bl-ispejjez.

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccipixxa illi: Preliminarjament din il-Qorti mhix kompetenti li tindahal fi kwistjonijiet relattivi ghall-ammont tal-hlas ghal hsarat tal-gwerra peress li kwistjonijiet bhal dawn ghandhom jigu decizi mill-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra bhala l-ewwel stadju gudizzjarju u jaghtu lok ta' appell fuq punt ta' ligi lill-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina;

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut nomine.

"Rat is-sentenza moghtija fit-13 ta' Gunju 1972 fejn din il-Qorti diversament presjeduta rrespingiet l-eccezzjoni *"moghtija f' sens assolut"* u nnominat lil AIC Paul Mercieca biex jirrelata fuq it-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut [fol.21- 22];

"Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 1974 fejn l-atti gew trasfuzi minn Emmanuel Barbara favur Felix Barbara, Joseph Carbonaro bhala kuratur ta' Carmelo Barbara, Lina mart John Zammit u Carmen mart Paolo Galea;

"Rat is-sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu 1976 li permezz taghha l-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni ta' inkompetenza limitatament biss ghall-ahhar talba, u cioe' fejn din il-Qorti ntalbet li tillikwida hi l-ammont dovut, kkonfermat s-sentenza appellata riferibbilment ghat-talbiet l-ohra; u inoltre, rrevokat l-inkariku tal-imsemmi perit limitatament ghall-ahhar talba.[fol.47-55];

"Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-25 ta' Novembru 1977 fejn iddikjarat l-appell irritu u null.[fol.87-89];

"Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 1978 li permezz tieghu l-Perit minnha nominat kien gie sostitwit bil-Perit Richard Aquilina b' inkarigu limitat skond is-sentenza tal-Appell tal-25 ta' Novembru 1977, u defenit fis-segwenti termini: *"biex jirrelata jekk il-Kummissjoni ghall-Hsara tal-*

*Gwerra vvjolatx il-ligi u abbuzatx mill-poteri taghha riferibilment ghal claim maghmula mill-atturi u biex jghamel kwalunkwe osservazzjoni li jidhrilu mehtiega in konnessjoni tat-talba tal-atturi u l-eccezzjonijiet tal-konvenut barra dawk gia decizi u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilu mehtiega". [fol.101].*

"Rat il-verbal tal-10 ta' Gunju 1994 fejn il-partijiet qabblu li l-provi li ingabru f'din il-kawza ghandhom wkoll jghoddu ghall-kawza fl-istess ismijiet wara l-att tac-**citazzjoni numru 1196/80;** kif ukoll ghandhom jghoddu n-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi l-ohra; liema kawza 1196/80 giet deciza llum stess, u li dawn il-provi u n-noti f'dik il-kawza ghandhom jghoddu ghal dan; [fol.352];

"Rat is-sentenza taghha tat-22 ta' Dicembru 1994 fejn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, regghet irribadit l-kompetenza taghha fil-materja in ezami, fis-segwenti termini: *"dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li hija il-Prima Awla fil-gurisdizzjoni normali taghha, li trid tistabilixxi jekk il-kriterji preskritti mil-ligi, biex jigi determinat l-ammont pretiz gewx segwiti….u tirrimetti lura l-process lill-perit tekniku biex jirrelata lil din l-Qorti jekk effettivament dawn il-kriterji gewx segwiti.." [fol.365];*

"Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku, l-AIC Richard Aquilina, prezentata u konfermata minnu fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2001 fejn ikkonkluda li *"l-Kummissjoni fl-operat taghha, meta hi ezaminat il-claim li ghamel l-attur u rriduciet it-talba tieghu b' mod sostanzjali, ma mxietx b' gustizzja ma' l-attur kif titlob il-ligi."[fol.426].*

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet; u semghet t-trattazzjonijiet;

"Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat

**"Kwadru tal-fatti**

"Illi din il-kawza tikkoncerna *claim* li l-atturi, *qua* propretarji tal-fondi 3-4-5 Timber Wharf u 77-78-80 Fisherman Street Marsa, kienu ssottomettew lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra ghal kumpens skond il-ligi tal-hsara li dawn il-fondi soffrew b'azzjoni tal-Gwerra.

"Illi l-imsemmija Kummissjoni kienet giet imwaqqfa bis-sahha tal-Ordinanza nru.III tas-sena 1943 ghall-iskop indikat fl-istess Ordinanza u li l-funzjoni u l-operat taghha huwa delineat u defenit mill-istess ligi.

"Illi skond il-*claim* taghhom, maghmula circa 15 il-sena qabel il-prezentata tac-citazzjoni odjerna, l-atturi kienu talbu kumpens ta' Lm45,251.15 stante li l-fondi kienu kompletament distrutti; izda fis-sena 1966 il-Kummissjoni ffissat il-kumpens dovut fl-ammont ta' Lm28,485.

"Illi skond l-atturi bejn is-snin 1965 u 1968 dawn, in vista tat-*Time Limit Regulation* kienu kostretti li jibdew ix-xogholijiet; u ghalhekk ir-rikostruwew parti mill-imsemmija fondi u cioe' il-fondi numri 4-5 Timbrt Wharf u 77-78 Fisherman Street u, nonostante li esercitaw ekonomija *"l-iktar stretta fl-esekuzzjoni tax-xoghol"*[8] u nonostante li kien ghad fadal hafna xoghol xi jsir, huma nefqu s-somma ta' Lm37,150.

"Illi in bazi ta' din in-nefqa fl-esekuzzjoni ta' parti mir-rikostruzzjoni, l-atturi qed isostnu li kalkolu ghar-rikostruzzjoni kompleta fil-fondi jwassal ghall-figura globali ta' Lm65,000 tenut kont ukoll tal-awment fil-prezzijiet f' dawn l-ahhar snin.

"Illi l-atturi qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq id-dispost tal-Artikolu 19(1)(2) tal-imsemmija Ordinanza li jistipula li l-ammont tal-*payment of cost of works* ghandu jkun ekwivalenti ghall *proper cost ["nefqa xierqa"]* tax-xogholijiet maghmula biex tissewwa l-hsara.

"Illi t-terminu *proper cost* jinsab espressament definit mill-ligi fis-segwenti termini: *"dik in-nefqa li tkun <u>xierqa</u>*

[8] Dep. Perit Joseph Barbara 25 Ottubru 1993 – Fol.245

*[reasonable], meta wiehed iqis il-prezzijiet ta' l-irkaptu u r-rati tal-hlas tal-haddiema skond is-suq fiz-zmien li x-xogholijiet isiru u c-cirkostanzi l-ohra kollha.."* inkluzi spejjez ta' remunerazzjoni u drittijiet professjonali li jkunu necessarji fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet.[9]

"Illi l-atturi qed isostnu li, stante li ghal hafna mix-xogholijiet esegwiti ma kienx hemm prezzijiet fissati mill-*Building Cost Board*, il-*proper cost* ghandu jigi kkalkolat skond it-termini tal-Art.19(3) u bazat fuq dak li hu xieraq [*reasonable].*

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-qofol tal-pretensjoni tal-atturi timpernja proprju fuq it-terminu *"xieraq"* u hija fis-sens li l-kumpens komputat mill-Kummissjoni huwa *"manifestament ingust u grossolanament zbaljat"* Fi kliem iehor, qed isostnu li l-istima ta' Lm28,485 li waslet ghaliha l-Kummissjoni mhix wahda xierqa, anzi hija grossolanament zbaljata u manifestament ingusta; u ghalhekk il-agir tal-Kummissjoni kien wiehed li jmur kontra l-ligi bir-rizultat li huwa *ultra vires*.

Illi fir-relazzjoni tieghu, il-Perit Arkitett Richard Aquilina, nominat minn din il-Qorti appositament sabiex jezamina l-aspett tekniku tal-vertenza u jistabilixxi jekk il-Kummissjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' Lm28,485 osservatx il-kriterji preskritti mill-imsemmija Ordinanza.

"Illi mir-relazzjoni peritali jirrizulta car li f'diversi aspetti li l-kalkoli maghmula mill-Kummissjoni ma jirrispekjawx dak li huwa xieraq ossia ragjonevoli, bir-rizultat li l-Perit Tekniku kkonkluda li "*"l-Kummissjoni fl-operat taghha, meta hi ezaminat il-claim li ghamel l-attur u rriduciet it-talba tieghu b' mod sostanzjali, ma mxietx b'gustizzja ma' l-attur kif titlob il-ligi"*"[10] Din il-konkluzjoni, kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem, tissostanzja kemm l-ewwel talba tal-atturi, kif ukoll it-tieni talba li hija konsegwenzjali ghall-istess.

---

[9] Art.19 (3) – sottolinear tal-Qorti.
[10] Supra

"F'dan l-istadju pero` huwa opportun li jigi rilevat, u dan in vista tal-affidavit tal-Perit Luigi Sansone[11], li l-konvenuti ma kkontestawx il-konkluzjonijiet peritali fis-sostanza taghhom bil-mezz kontemplat fl-Artikolu 674 tal-kap.12 jew b'mod iehor; u, il-Qorti hi tal-fehma li, ghal dak li jirrigwarda l-aspett tekniku, ghandha tistrih fuq u taccetta l-konkluzzjoni tal-perit tekniku; ghax, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa dejjem kontrollabbli mill-gudikant bhala element ta' prova, *"b'dan kollu il gudizio d' arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux - aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet mill-fakolta' lilha moghtija b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali – jigi skartata facilment ammenocche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragjonevoli" [App.Civ.* ***Giswarda Burgeja et vs Emmanuela Muscat et***[12] *].* Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma tirriskontra xejn irragjonevoli fil-kostazzjonijiet tal-perit tekniku, li ghandu jwassal sabiex din il-Qorti tiskarta l-konkluzjonijiet teknici tal-espert.

***"Osservazzjonijiet guridici***

Illi fis-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu 1976 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens li *"l-Qorti certament ghandha gurisdizzjoni biex titratta u tinvestiga l-allegazzjoni tal-atturi li l-Kummissjoni fl-operat taghha … ivvjolat il-ligi u abbusat mill-poteri taghha."*[13]

"L-ewwel Qorti in propositu kienet esprimiet ruhha f'dan is-sens: *" Peress li gie deciz mill-Qrati taghna li d-decizjoni tal-War Damage Commission hija determinazzjoni ta' korp kwazi gudizzjarju, li lilu gew moghtija poteri diskrezzjonali, u li skond id-dritt kostituzzjonali modern, il-Qrati jistghu jindagaw jekk il-Kummissjoni mexxietx "fairly and honestly" [ara Prim' Awla 1 ta' Mejju 1946* ***Muscat Azzopardi et vs Prof.Joseph Anastasi Pace noe,*** *u 25*

[11] Kawza 1196/80 – Fols.87-88

[12] Deciza 23 ta' Gunju 1967 – Vol.LI.I.390; vide wkoll *Prim Awla [RCP]* ***Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar*** *et* deciza 28 ta' Frar 2002, u kazistika hemm citata.

[13] Fol.54

*ta' Gunju 1947 Prim' Awla* ***Onor.Edgar Cuschieri ne vs Carmelo Camilleri et*** *Vol.XXXII.II.317 u XXXIII.II.77].*[14]

"F'dan ir-rigward hija relevanti l-osservazzjoni tal-awturi ***Wade and Philips [Constitutional Law]***li *"When an authority has wide discretionary power and the court is asked to hold that it has acted unreasonably, the court can only investigate the action of the authority to see if it has taken into account any matters which ought not to be, or disregarded matters which ought to be, taken into account"*;[15] u fil-kummentarju tieghu dwar *"Abuse of Powers"* l-istess awtur jikkumenta hekk: *"Control of the improper exercise of powers may also be regarded as an application of the ultra vires doctrine. The exercise of a discretion without taking into account* ***all relevant considerations*** *is equivalent to a failure to exercise it."*[16]

"Illi fis-sentenza ***Neg.Ugo Pace vs Prof.Joseph Anastasi Pace noe***[17] din il-Qorti, diversament presjeduta, elaborat fuq, u ddelineat, il-poteri taghha li tissindika diskrezzjoni esercitata minn korp amministrattiv ta' karattur kwasi gudizzjali bhal ma hija l-Kummissjoni Dwar il-Hsarat tal-Gwerra; u, filwaqt li rribadit il-principju li din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik esercitata mill-Kummissjoni, osservat li s-setgha tal-Qrati li tissindikaw l-ghemil diskrezzjonali ta' korp kwazi gudizzjali hija limitata biex tistabbilixxi jekk l-esercizju tad-diskrezzjoni kienx gie *"properly exercised"* fis-sustanza, u fil-forma u skond *"the rules of natural justice".* F'dik is-sentenza saret referenza ghall-kawza ***Giorgio Demarco et noe vs James Turner ne et***[18] fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-*"reasonable exercise". "It-tests"* ta' *"unreasonableness"* fl-esercizju ta' poteri smili gew enuncjati fil-kawza ***Kruse vs Johnson 1898*** b' dan il-mod: *"If they are manifestly unjust"; "if they disclosed bad*

[14] Fol.21 - 22
[15] 8th edition pg.630
[16] Ibid pg.641 – sottolinear u emfasi tal-Qorti
[17] Deciza - 1 ta' Mejju 1946
[18] Deciza 12 ta' Ottubru 1933

*faith"; if they could find no justification in the minds of reasonable men".*[19]

"Illi dwar s-sindikabbilita' tal-poter esekuttiv disrezzjonali mill-Qrati Inglizi, l-awtur ***HWR Wade,*** fil-ktieb tieghu ***Administrative Law,*** jikkummenta hekk: *" … arbitrary power and unfettered discretion are what the courts refuse to countenance. They have woven a network of restrictive principles which require statutory powers to be exercised reasonably and in good faith, for proper purposes only, and in accordance with the spirit as well as the letter of the empowering act*[20]*….. <u>The court assumes that Parliament cannot have intended to authorise unreasonable action</u>."*[21]

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably***."[Lord Wrenbury]***[22]

"Illi f'dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar il-grad ossia l-*"legal standard of reasonablness"* mehtieg biex jigi sodisfat dan ir-rekwizit, ghax kif jikkummenta l-istess awtur *"Virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonablness"*[23] Id-definizzjoni ta' dan il-parametru huwa essenzjali ghax *"Within the bounds of legal reasonablness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*[24]

---

[19] Kaz riportat fil ***Keir & Lawson***, *Cases in Constitutional Law* – kwotat fis-sentenza *Ugo vs Anastasi Pace [supra].*

[20] *Administrative Law* – 6th edition pg.388

[21] Idem pg.390 – sottolinear tal-Qorti

[22] Fil-***kaz Roberts v Hopwood*** – idem pg.397

[23] Idem – pg.398

[24] Idem – pg.407

"F'dan ir-rigward il-Qrati Inglizi applikaw u esprimew dan il-principju f' diversi forom. Hekk per ezempju fil-kaz ***Wednesbury Coporation*** Lord Greene semma bhala kriterju li l-azzjoni in disamina tkun *"so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority";* Lord Denning fit-***Tameside Case***[25] esprima dan il-kuncett f' dawn it-termini *"so wrong that no reasonable person could sensibly take that view"* u Lord Diplock fil-kaz ***Council of Civil Service Unions***[26] qal *"so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it"*[27]

***"Osservazzjonijiet fil-meritu***

"Illi ghaldaqstant l-ezami li jispetta lil din il-Qorti f'dan l-istadju huwa li tindaga u tistabilixxi jekk l-esercizju tal-poter diskrezzjonali tal-Kummissjoni kienx *"skond il-ligi, fis-sustanza u fil-forma, u jekk kienx "fair and honest"* u kienx jissodisfa r-rekwizit ta' *"reasonable exercise".*

"Illi minn ezami tar-relazzjoni peritali, kunsidrata fid-dawl tal-provi li fuqha hija bazata, jirrizulta car u manifest li l-Kummissjoni fl-ezami tal-claim tal-atturi <u>naqset li tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi</u> u cirkostanzi bir-rizultat li fil-komputazzjoni tal-kumpens waslet ghall-ammont ferm inferjuri minn dak li ic-cirkostanzi kienu ragjonevolment jiddettaw. Il-perit tekniku indika b' mod preciz u dettaljat dawn ic-cirkostanzi li l-Kummissjoni naqset li tikkonsidera fl-esercizju tad-diskrezzjoni taghha, bil-konsegwenza li tali esercizju ghandu jitqies bhala *ultra vires* stante li jwassal ghall-konkluzjoni manifestament ingusta.

"Hekk per ezempju qed issir referenza ghal dik il-parti tar-relazzjoni intestata *"Ri uzu ta' materjal"* fejn il-perit spejga u wera d-diffikultajiet li johloq il-metodu ta' rikostruzzjoni bazat fuq il-principju li jerga' jintuza l-istess gebel. Mill-osservazzjonijiet tal-perit jirrizulta car li dan is-sistema fil-

[25] [1977]
[26] *Council of Civil Service Unions vs Minister for the Civil Service [1985]*
[27] Idem – pg.408

kaz tal-fondi de quo kienet manifestament inidonea, kienet tinvolvi xoghol laborjuz u tiswa hafna flus, u dan apparti mill-fatt li stante li *"ammont sostanzjali ta' hitan li ghadhom wieqfa ghandhom daqqiet kbar bi shrapnel u ghalhekk dan il-gebel ma jkunx jista' jerga' juntuza"*[28].

**"Eccezzjonijiet**

"Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-konvenut nomine ssolleva diversi argumenti li ser jigu trattati minn din il-Qorti:

"Illi fl-ewwel lok jigi osservat li z-zewg kawzi prezentati mill-atturi huma sostanzjalment simili, stante li jirrivolvu fuq il-pretensjoni bazika tal-atturi li, fil-komputazzjoni tal-kumpens, il-Kummissjoni ma agixxiet skond il-ligi u precisament l-Artikolu 19 tal-Ordinanza. Di fatti l-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 1994[29] huwa rizultat ta' dan; u l-fatt li referenza ghal dan il-verbal tnizzlet mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu hija xhieda li dana kien konxju tal-fatt li l-provi mressqa fiz-zewg kawza ghandhom jissuplimentaw il-xulxin. Fil-fatt a fol.9 tal-relazzjoni hemm testwalment hekk: *"Illi fl-10 ta' Gunju 1994, il-partijiet qablu li l-provi li ngabru f' din il-kawza ghandhom jghoddu ghall-kawza fl-istess ismijiet – Cit.1196/80"*[30] Dan il-paragrafu jirrendi gratuwita u nfondata l-asserzjoni tal-atturi li, fl-esekuzzjoni tal-inkariku tieghu, il-Perit Tekniku rrelata biss a bazi tal-provi illi wiehed isib fil-process tal-kawza numru 510/71. Il-Qorti tosserva li, in difett ta' provi [mhux kongetturi] kuntrarji, ma jistax jinghad li il-Perit Tekniku fil-konsiderazzjonijiet tieghu ma hax konjizzjoni tal-provi kollha kontenuti fiz-zewg processi.

"Illi l-fatt li l-Perit Tekniku ma ghamel ebda referenza ghall-kwistjoni legali rigwardanti l-Artikolu 483 tal-Kap.16 ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, stante li l-inkarigu tal-Perit kien necessarjament limitat ghar-rizoluzzjoni tal-

---

[28] Fol.419
[29] Supra
[30] Fol.409

aspetti teknici tal-kaz tenut kont tat-termini tal-Ordinanza u Regolamenti relattivi.

"Illi in fine, il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 793 tal-kap.12 u tikkondividi l-fehma tal-konvenut li l-kawza numru 510/7, prezentata qabel il-kawza numru 1196/80, tigi deciza qabel din tal-ahhar.

"It-tieni partita tikkoncerna l-parametri tal-inkariku tal-Perit Tekniku. In propositu l-Qorti tosserva li huwa car li l-inkariku li kien inghata lill-Perit Richard Aquilina, ma kienx ikopri kwistjonijiet purament ta' natura legali bhal dawk li gew sollevati rigwardanti l-artikoli fuq citat, izda, kif fuq gia premess, l-inkariku kien intiz sostanzjalment sabiex il-perit jezamina l-aspett tekniku tal-vertenza tenut kont tat-termini tal-Ordinanza u regolamenti relattivi, tenut kont tax-xhieda migjuba; u l-inkariku kien limitat ghal daqshekk.

"Il-Qorti ma taqbilx ma l-asserzjoni tal-konvenut li *"l-inkariku tal-perit kien illi jezamina l-legalita' tal-konkluzzjonijiet tal-Kummissjoni".* Il-Perit kien inkarikat sabiex jistabilixxi jekk l-kumpens moghti mill-Kummissjoni kienx *"xieraq"* fit-termini tal-Artikolu 19 (3). Jekk il-Kummissjoni fil-fissazzjoni tal-ammont haditx in konsiderazzjonijiet *"all relevant considerations".*[31]

"Illi rigward it-tielet partita intestata *Karenzi fil-provi*, il-Qorti tosserva li l-attur l-AIC Joseph Barbara prezenta kopji dettaljata ta' l-iskedi tax-xogholijiet dwar ir-riduzzjonijiet maghmula mill-Kummissjoni. Dawn id-dokumenti mhux kontradetti bl-ebda mod mill-konvenut u guramentati mill-attur Joseph Barbara fl-affidavit dettaljat tieghu, huma elementi ta' prova sufficjenti sabiex il-perit tekniku jkun fil-posizzjoni li jesegwixxi l-inkariku tieghu skond il-ligi.

"Illi rigward l-argument tal-konvenut li l-esercizzju maghmul mill-Perit Tekniku kien fil-fatt esercizju ta' sostituzzjoni tad-diskrezzjoni tieghu ghal dik tal-Kummissjoni, il-Qorti tirrileva li, ghalkemm l-inkariku

[31] *Supra*

peritali kien necessarjament jinvolvi valutazzjoni tal-operat tal-Kummissjoni mill-aspett tekniku, dan ma jfissirx li allura bilfors hemm sostituzzjoni tad-diskrezzjoni. Kif gia gie osservat, l-ezami tal-perit tekniku kien jinvolvi ezami ta' komputazzjonijiet, fid-dawl tal-provi mressqa, inkluzi ritratti tal-bini mwaqqa', biex jistabilixxi jekk il-Kummissjoni haditx in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha relevanti li kellha tiehu sabiex tasal ghall-konkluzjoni gusta u ragjonevoli fil-konfront tal-atturi. Ghax ma jistax jinghad li l-atturi kienu trattati *"fairly and honestly"* u *"reasonably"* jekk, nonostante li kien gie permess lilu li jesponi l-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni, dina fl-esercizju tad-diskrezzjoni taghha njorat diversi cirkostanzi li kumuluttivament u ragjonevolment u manifestament kellhom jigu kunsiderati debitament **u** jinghataw il-piz ossia valur opportun. Fil-kaz odjern, irrizulta mill-perizja teknika li l-Kummissjoni naqset li tikkonsidera diversi fatturi bir-rizultat li waslet ghall-konkluzjoni li tissostanzja t-tesi tal-atturi li d-decizjoni taghha kienet manifestament ingusta u mhux skond it-termini preskritti mill-Artikolu 19 tal-Ordinanza. Huwa f' dan il-kuntest li allura d-decizjoni tal-Kummissjoni ghandha titqies bhala wahda *ultra vires* u ghalhekk illegali."

## L-appell

Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali – illi ssubentra bhala konvenut f'din il-kawza in forza ta' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha tad-9 ta' Ottubru 1990 fil-kawza fl-ismijiet **Perit Arkitett Joseph Barbara v. Onor. Prim Ministru noe** (Rikors Kostituzzjonali numru 91/80) – appella mis-sentenza preliminari tat-22 ta' Dicembru 1994[32] (dwar il-kompetenza tal-Prim Awla) kif ukoll mis-sentenza finali tal-15 ta' Ottubru 2003. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati b'dan il-mod:

1. in-nullita` tas-sentenza tat-22 ta' Dicembru 1994 billi l-okkju ma jinkludix il-partijiet kollha fil-kawza w ukoll billi

[32] Fol. 356 *et seq.*

nghatat fil-konfront ta' Felice Barbara li kien miet fis-26 ta' Awissu 1976 u ma saritx it-trasfuzjoni tal-gudizzju;

2. subordinatament illi is-sentenza tat-22 ta' Dicembru 1994 injorat l-eccezzjoni ta' l-appellant li l-azzjoni attrici hija ostata bl-awtorita` tar-*res judicata*, u minflok irrepetiet dak li kienet qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 1976 u asseriet il-kompetenza taghha *"biex tistabbilixxi jekk il-kriterji preskritti mil-ligi biex jigi determinat l-ammont pretiz gewx segwiti"*;

3. in-nullita` tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003 billi l-okkju ma jurix il-persuni kollha illi huma partijiet fil-kawza u s-sentenza inghatat fil-konfront ta' Felice Barbara li kien miet fis-26 ta' Awissu 1976 u ma saritx trasfuzjoni tal-gudizzju;

4. subordinatament, in-nullita` tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003, billi ma saritx in aderenza ma' dak li kien gie dekretat fl-10 ta' Gunju 1994 (fol. 352) mill-ewwel Qorti, fuq qbil bejn il-partijiet, fis-sens li din il-kawza u l-kawza fuq l-istess meritu fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et v. Segretarju tal-War Damage Commission** (Cit. 1196/1980) ghandhom jigu trattati prattikament bhala kawza wahda. L-appellant jilmenta illi huwa gie sorpriz meta fil-15 ta' Ottubru 2003 din il-kawza giet deciza definittivament minghajr ma ttiehdu in konsiderazzjoni l-osservazzjonijiet u l-kwistjonijiet legali imqajma fil-kawza 1196/80 fil-waqt li l-kawza 1196/80 giet deciza biss in parte in kwantu ghal tlett eccezzjonijiet, illi l-kwistjonijiet imqajma fihom ma gewx investiti fis-sentenza prezentement appellata, u konsegwentement l-appellant gie privat mill-opportunita` illi jappella minnhom f'din il-kawza peress li ma jinstabux fis-sentenza;

5. subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-appellant jissottometti illi r-riferenza espressa fis-sentenza appellata ghall-verbal ta' l-10 ta' Gunju 1994 u ghall-fatt illi l-kawza 1196/80 giet deciza fl-istess udjenza li fiha giet deciza din il-kawza, ifisser illi dak formalment deciz f'dik l-kawza gie fil-fatt ukoll effettivament deciz f'din il-kawza u l-esponent ghandu ghalhekk id-dritt illi jappella minnu. Pero` ghal kull buon fini l-appellant issolleva l-eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni u dwar l-estinzjoni tad-dritt litigjuz ta' l-atturi in forza ta' l-Artikolu 1483 tal-Kodici Civili formalment f'din

il-kawza f'dan l-istadju ta' l-appell, u dan subordinatament u minghajr pregudizzju ghal xulxin;

6. illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass tat-terminu ta' sentejn fit-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

7. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hija fi kwalunkwe kaz preskritta bit-trapass tat-terminu ta' hames snin fit-termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

8. illi l-azzjoni odjerna hija derimata bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1483 tal-Kodici Civili dwar ic-cessjoni ta' dritt litigjuz, stante li l-atturi m'humiex il-persuni illi sofrew hsarat tal-gwerra, izda xtraw il-fondi in kwistjoni minghand terzi, flimkien mac-cessjoni ghall-kumpens minghand il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra. L-appellant jissottometti illi l-intavolar tal-kawza odjerna u tal-kawza 1186/80 wara illi l-atturi kienu thallsu aktar mill-valur tad-dritt litigjuz bil-proprjeta` b'kollox u l-imghax, u LM792 oltre dawn fl-1966, huwa abbuz tal-process gudizzjarju ghal skop spekulattiv u ghandu jigi respint bhala vjolattiv tal-principju ta' ordni pubbliku kodifikat fl-Artikolu 1483 tal-Kodici Civili;

9. illi l-Perit Tekniku ma kienx espleta korrettement l-inkarigu lilu moghti mill-Ewwel Qorti u cioe` li jirrelata dwar jekk il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra fil-komputazzjoni taghha kienitx segwiet il-kriterji preskritti mill-Ordinanza dwar il-Hsarat tal-Gwerra, u minflok issostitwixxa l-kriterju ta' "gustizzja kif titlob il-ligi", liema terminu ta' l-ahhar huwa hafna izjed vag u wiesgha. Skond l-appellant, minflok ma l-Perit ra jekk il-Kummissjoni kienitx agixxiet b'mod ragonevoli skond id-dettami tal-ligi, huwa ssostitwixxa d-diskrezzjoni tieghu ghal dik tal-Kummissjoni dwar l-ammonti li kellhom jigu likwidati, u mkien ma indika jekk u fejn il-Kummissjoni kienet agixxiet b'mod irragonevoli;

10. l-appellant jissottometti illi minn imkien ma irrizulta illi l-Kummissjoni ma ezaminatx ix-xoghol li kellu jsir jew li ma ikkunsidratx dak li kellu jsir fid-dettall. Fil-fatt il-Kummissjoni iltaqghet ma' l-attur diversi drabi fuq medda twila ta' snin u ghalhekk il-fatt illi hija, maghmula ukoll minn persuni teknici u legali kwalifikati, ma qablitx mieghu, u l-perit tekniku qabel mieghu fuq certi argumenti, ma

jfissirx illi rrizulta n-nuqqas ta’ tehid in konsiderazzjoni ta’ fatturi rilevanti, kif irriteniet l-ewwel Qorti abbazi tar-rapport peritali.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Fl-udjenza tat-2 ta’ Mejju 2006 quddiem din il-Qorti (il-Qorti ta’ l-Appell) gie verbalizzat hekk: *“Dr. Peter Grech jirtira l-ewwel aggravju tieghu kif kontenut f’pagna 5 tar-rikors ta’ l-appell u senjatament l-aggravju dwar in-nullita tas-sentenza “billi l-okkju ma jinkludix il-partijiet kollha fil-kawza ... ... u ma saritx trasfuzjoni tal-gudizzju.”*

Dan l-ewwel aggravju kontenut f’pagna 5 tar-rikors ta’ l-appell jirreferi ghas-sentenza parzjali tat-22 ta’ Dicembru 1994. L-appellant issolleva aggravju identiku f’pagna 7 tar-rikors ta’ l-appell tieghu fil-konfront tas-sentenza finali tal-15 ta’ Ottubru 2003 – elenkat bhala aggravju numru 3 iktar il-fuq. Din il-Qorti tifhem li l-intenzjoni ta’ l-appellant kienet li jirtira wkoll dan l-aggravju numru 3, billi ma jaghmilx sens li jirtira l-aggravju fil-konfront tas-sentenza tat-22 ta’ Dicembru 1994 u ma jirtirahx ukoll fil-konfront tas-sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2003. Il-fehma f’dan is-sens ta’ din il-Qorti hija wkoll imsahha mill-fatt li fl-imsemmi verbal tat-2 ta’ Mejju 2006 gie wkoll verbalizzat illi *“Id-difensuri tal-partijiet ghal kull buon fini jaqblu li ma hemm ebda difett formali fl-atti.”* Ghaldaqstant din il-Qorti tifhem illi it-tielet aggravju wkoll gie irtirat.

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra fl-ewwel lok l-aggravju elenkat iktar ‘l fuq bhala aggravju sitta dwar il-preskrizzjoni, u dan ghaliex jekk dan l-aggravju huwa gustifikat, ikun inutli li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra sollevati.

F’dan l-aggravju, l-appellant jissottometti illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass tat-terminu ta’ sentejn fit-termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *“L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.”* L-appellati jirribattu din l-eccezzjoni billi principalment jistriehu fuq il-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel

Qorti fis-sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2003 (Citaz. Nru. 1196/80) li kienet qieghda tinstema’ kontestwalment ma’ din il-kawza.

Fl-azzjoni odjerna -- kif limitata bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-22 ta’ Marzu 1976[33] -- l-atturi qeghdin jallegaw li l-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kisret il-ligi, u cioe` l-Ordinanza dwar il-Hsarat tal-Gwerra ta’ l-1943, partikolarment l-Artikolu 19(3), u ghalhekk agixxiet *ultra vires* fil-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-hsarat tal-gwerra kkagunati lill-fondi fuq imsemmija proprjeta` taghhom, u ghalhekk talbu lill-ewwel Qorti tiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissjoni *de quo* hija nulla. Din l-azzjoni hija naturalment pre-ordinata sabiex, f’kaz ta’ ezitu pozittiv, il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra terga’ jew tirrevedi u tillikwida l-ammont ta’ kumpens talvolta dovut lill-atturi ghall-hsarat sofferti fil-fondi taghhom jew thallas id-danni ghall-agir illegali taghha – zewg ipotezijiet li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, cioe` meta si tratta ta’ agir bi ksur tal-ligi da parti ta’ tribunal amministrattiv jew kwazi-gudizzjarju, huma ekwipollenti.

Bid-dovut rigward lejn il-Prim Awla, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti tal-15 ta’ Ottubru 2003 fil-kawza 1196/80[34] li “*dak li qieghdin jitolbu l-atturi mhux danni emanenti minn delitt jew kwazi delitt, imma t-talba taghhom hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens dovut ma ssodisfatx pienament it-termini tal-ligi, u allura n-natura ta’ l-azzjoni hija wahda ta’ inadempiment parzjali ta’ obbligu legali u mhux wahda ta’ danni.”* L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *“Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha* <u>*jikser xi dmir impost mil-ligi*</u>*, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.”* (enfasi mizjuda). Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta’ azzjoni delittwali huma tlieta: *“(1) un fatto illecito (2) l’imputabilita` di questo fatto al suo autore (3)*

[33] A fol. 47-55 tal-process 510/71
[34] Pagna 5 a fol. 238 tal-process 1196/80.

*un danno cagionato da questo fatto” (***Baudrie-Lacantinerie**: **Delle Obbligazioni** Vol. IV p.555).

Ghaldaqstant, sabiex jista’ jinghad illi fatt huwa illecitu, irid jigi ppruvat illi gie vjolat dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi, u li konsegwentement id-danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta dak id-dritt. Fill-fatt l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li huwa biss *“Kull min, … … jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi…”* li huwa responsabbli ghad-danni. **De Cupis** (**Il Danno** (2 ed) Vol I pag. 67) jispjega illi *“Danno ingiusto: vale a dire, prodotto da atto umano antigiuridico, e antigiuridicita` significa contrarieta` a specifiche norme e principi di diritto, cui l’art. 2043 automaticamente rinvia nel mentre stabilisce la sanzione del danno arrecato in violazione di esse.”*

Ghalhekk kif sewwa osserva l-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu, anke persuna illi “tikser dmir impost mil-ligi”, bhalma qed jigi allegat li ghamlet il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kemm f’din il-kawza kif ukoll fil-kawza 1196/80, hija passibbli ghal “delitt jew kwazi-delitt” fit-termini ta’ l-Artikolu 1033 fuq citat.

Hekk fil-kawza **John Lowell et v. Onor. Dottor Carmelo Caruana noe**, deciza fl-14 ta’ Awissu 1972, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili rriteniet li att amministrattiv kien *ultra vires*, u konsegwentement il-Gvern kien responsabbli ghad-danni: *“L-atti ta’ l-Esekuttiv maghmulin b’eccess tal-poteri fih vestiti mill-ligi huma illegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu.”* Ghalkemm f’dik il-kawza l-Qorti ma qalitx espressament illi r-responsabbilita` tad-danni kellha tigi determinata skond ir-regoli preskritti mill-Kodici Civili, dan huwa sottointiz fl-istess sentenza u mir-riferenza li ghamlet dik il-Qorti ghall-kuncett ta’ l-illecitu. Fil-fatt, fid-decizjoni ghal-likwidazzjoni tad-danni f’dik il-kawza, d-danni gew likwidati skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt Civili Malti dwar l-illecitu (ara decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell

**John Lowell et v. Onor. Carmelo Caruana noe**, deciza fid-29 ta' Mejju 1991).[35]

Fir-risposta ta' l-appell taghhom l-appellati jissottomettu li l-azzjoni ma tistax tkun preskritta ghaliex huma ma gibdux fl-intier l-ammont ta' flus li kien assenjat lilhom mill-Kummissjoni ghat-tiswijiet u ghaldaqstant skond huma l-*claims* ghadhom miftuha. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi dan il-fatt ma jirrizultax mill-provi fl-ebda wiehed mill-processi u jissemma' l-ewwel darba f'din ir-risposta u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt, jekk se mai verament hu hekk. Fi kwalunkwe kaz, dan il-fatt, jekk ghall-grazzja ta' l-argument huwa veru, bl-ebda mod ma jbiddel il-posizzjoni dwar id-dekorriment tal-perjodu tal-preskrizzjoni. L-Artikolu 2116 tal-Kodici Civili jaghmilha cara illi *"Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu jghoddu f'kull kaz li ghalih ma jkunx ipprovdut xort'ohra f'partijiet ohra ta' dan il-Kodici jew f'ligijiet ohra."*

Il-preskrizzjoni dwar azzjonijiet taht l-Artikolu 1033, billi si stratta ta' danni m'hux kagunati b'reat, hija dik ta' sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellati l-perjodu ta' sentejn beda jiddekorri fil-5 ta' Settembru 1968 meta l-Kummissjoni irrilaxxat favur l-appellati s-somma ta' £28,485, pero` irrifjutat li tirrevedi l-istima. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-4 ta' Gunju 1971, u cioe` xhur wara li kien lahaq skada l-perjodu preskrittiv ta' sentejn.

Fid-dawl ta' dan, ma hemm l-ebda skop li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-ohra ta' l-appellant.

## <u>Decide</u>

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell limitatament kif gej u cioe` (1) tirriforma s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003 billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqghet l-ewwel tliet talbiet attrici u ghalhekk tichadhom minhabba preskrizzjoni, izda tikkonfermaha fir-rigward ta' dak li irrilevat kwantu ghar-raba' u l-ahhar talba attrici, u

[35] Ara fl-istess sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell **Frank Pace et v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Jannar 2005.

konsegwentement (2) tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar is-sentenza tat-22 ta’ Dicembru 1994. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont specjalment tal-komplessita` tieghu, l-ispejjez – kemm dawn decizi bis-sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2003 kif ukoll ta’ din l-istanza – ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------